MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 45/2003

**Maltacom plc**

**vs**

**Carmel sive Charles Busuttil**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' tlett mija u hames liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm305.35) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizz tat-telefon bin-numru 314722 (CN 223569) liema servizz gie installat fil-fond 137/4 Tower Road, Sliema, Malta, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u markat bhala Dokument 'A'.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta:

Illi d-domanda attrici hija kolpita bil-preskrizzjoni ta’ hames snin fit-termini tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll bil-preskrizzjoni ta’ sentejn fit-termini tal-artikolu 2149 tal-istess Kodici.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta’ attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Sema’ l-provi;

Ikkunsidra:

L-ahhar pagament ghar-rigward tas-servizz imsemmi fl-avviz tat-talba sar fis-27 t’Ottubru 1997 u ma saret l-ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni li hija ta’ hames snin u dan anke stante li l-ittra ufficcjali (dok GSB1) ipprezentata fil-31 ta’ Lulju 1998 qatt ma giet notifikata lill-konvenut.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili u konsegwentement jichad it-talba tas-socjeta’ attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------